MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1335/1995/1

**Emanuel Sultana**

**vs**

**Ruth Sultana f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanta tal-minuri Jonathan u Sarah Jane ahwa Sultana hekk nominata b'digriet tal-Qorti tas-28 ta' Jannar 1997**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Ottubru 1995 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi peress li l-konvenuta, mart l-attur welldet erbat itrabi, skond kif jirrizulta mill-annessi certfikati tat-twelid li jgibu n-numri 2828 tal-1980, 2829 tan-1980, 5240 tal-1985, 490 tal-1990. Dok. "A", "B", "C", U "D" minn fejn jirrizulta wkoll

li hemm registrat l-attur bhala missier it-trabi, u ghalhekk igibu l-kunjom tal-attur, Sultana. It-tfal jisimhom rispettivament Liza Marie, Mark Anthony, Jonathan, u Sara Jane Sultana.

Illi fil-fatt l-attur mhux genetikament missier il-minuri, u minn issa lest li jissottometti ruhu ghal kul ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li huwa mhux missier il-minuri msemmija.

Illi ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1)Tiddikjara li l-attur mhux il-missier il-minuri Liza Marie, Mark Anthony, Jonathan, u Sara Jane Sultana li welldet skond kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid bin-numri rispettivi 2828 tal-1980, 2829 tan-1980, 5240 tal-1985, 490 tal-1990 u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li l-attur huwa missier l-isemmija tarbija ghandu jigi kancellat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Marzu 1996;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Ruth Sultana datati 8 ta’ April 1996 a fol.15 tal-process fejn eccepiet illi :-

(1) Fl-ewwel lok li hija ma hijiex il-legittima kontradittura f’din il-kawza.

(2) Illi f’kull kaz, l-azzjoni tinsab perenta *ai termini* ta’ l-**artikolu 73 tal-Kodici Civili**.

(3) Illi f’kull kaz ukoll, l-istess attur gharaf it-tfal kollha msemmija fic-citazzjoni attrici b’uliedu u ghalhekk ma ghadx ghandu jedd jittenta li jichadhom.

(4) Illi *inoltre* ma setghax legalment jichad li jaghraf ‘il ebda wiehed mill-imsemmija erba’ wlied.

(5) Illi fil-meritu t-tfal kollha ndikati fic-citazzjoni huma wlied legittimi ta' l-attur u tal-eccipjenti.

(6) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol.16 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 1996; tat-28 ta' Mejju 1996; tat-8 ta' Ottubru 1996; tat-28 ta' Jannar 1997 fejn Dr. Brincat ghamel referenza ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u talab korrezzjoni tal-okkju tac-citazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr Brincat irrinunzja ghat-talba tieghu fic-citazzjoni in kwantu tirreferi ghall-ulied Liza Marie u Mark Anthony; tad-9 ta' April 1997;

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu datat 18 ta' April 1997;

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tas-7 ta' Mejju 1997; tal-25 ta' Gunju 1997; tal-5 ta' Novembru 1997; tal-10 ta' Dicembru 1997; tat-18 ta' Marzu 1998; tat-13 ta' Mejju 1998; tas-7 ta' Lulju 1998; tat-28 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti kif dakinhar presjeduta, bi qbil mad-difensuri, innominat lil Dr. Joe Louis Grech bhala espert patologu biex jiehu l-passi mehtiega halli jsiru d-*DNA finger printing* tal-kontendenti u tal-hames uliedhom ghas-spejjez provizorjament tal-attur; tat-13 ta' Jannar 1999 fejn gie rilevat l-appuntament mal-espert nominat ma kienx ghadu gie ffissat; tas-26 ta' Frar 1999 fejn il-konvenuta nfurmat lill-Qorti li hi mhux disposta li tissottometti ruhha u lil uliedha minuri biex isiru l-prelivamenti tad-demm mehtiega. Dr. Pawlu Lia ghamel referenza ghat-tieni eccezzjoni bbazata fuq l-**artikolu 73 tal-Kapitolu 16**; tat-12 ta' Mejju 1999; u tal-4 ta' Gunju 1999;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu ulterjuri datat 4 ta' Gunju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Lulju 1999; tat-3 ta' Dicembru 1999 fejn id-difensuri qablu li l-provi hawn prodotti kellhom jigu

kkonsidrati bhala provi fil-kawza ta’ manteniment numru 49/94 bejn iz-zewg partijiet; tas-16 ta’ Frar 2000 fejn l-istess partijet u difensuri taghhom qablu li l-provi kollha li jingabru f’din il-kawza japplikaw u jkunu jaghmlu stat fil-kawza l-ohra 1062/92 u 49/94 u wkoll li tnejn mill-ulied u cjoe’ Lisa Marie u Mark Anthony, tewmin, saru maggorenni fil-mori tal-kawza; tal-24 ta’ Marzu 2000; tal-31 ta’ Mejju 2000; tas-7 ta’ Lulju 2000; tal-25 ta’ Ottubru 2000 fejn Dr Edwina Chetcuti esebit nota b’dikjarazzjoni guramentata maghmula minn Maria Sultana. Xehdet Maria Sultana. Il-Qorti, fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta’ Maria Sultana maghmula waqt ix-xhieda taghha, tawtorizza l-hrug tal-mandat ta’ skorta kontra x-xhud prezenti biex wara li jkun prezenti wkoll in-Nutar John Hayman, ix-xhud terga’ tixhed. Xehed Emanuel Sultana. Il-Qorti wara li semghet lil Emanuel Sultana halliet il-kawza biex jigu ngunti quddiemha n-nutar John Hayman u n-Nutar Isabelle Gonzi illi jidher li kienet xhud fl-iskrittura; ta-7 ta’ Frar 2001; tas-16 ta’ Mejju 2001; tas-6 ta’ Gunju 2001; tas-6 ta’ Lulju 2001 fejn Dr. Lia talab l-isfilz tal-affidavit ta’ Maria Concetta Green li jinsab a fol. 276 tal-process, Cit. Nru 49/94, ipprezentat fis-16 ta’ Mejju 2001 minhabba li hlief ghal parti minima, dak li ddikjarat huwa kollu *detto del detto.* Dr Chetcuti opponiet stante li x-xhieda ta’ Maria Concetta Green twaddab dawl fuq il-kredibbilta’ ta’ xhieda ohra. Xehdet Maria Concetta Green; tat-23 ta’ Novembru 2001; tat-30 ta’ Jannar 2002; tas-17 ta’ April 2002;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-attur datata 25 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-3 ta’ Lulju 2002; tal-25 ta’ Ottubru 2002; tad-29 ta’ Ottubru 2002; tat-23 ta’ Jannar 2003; tal-11 ta’ Frar 2003.
Rat l-ordni tal-Qorti kif presjeduta li quddiemha gie appuntata l-kawza fil-25 ta’ April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Mejju 2003;

Rat l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti rrilevat li din hija kawza li ilha pendenti mill-1995 u li giet quddiemha biss dakinhar l-ewwel darba. Dehret Dr.

Edwina Grima ghall-attur prezenti; il-konvenuta u d-difensur taghha msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza b'hekk giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret originarjament sabiex il-minuri Liza Marie, Mark Anthony, Jonathan u Sara Jane Sultana jigu dikjarati li mhumiex l-ulied tal-attur peress li huwa mhux missierhom u fil-fatt l-attur kien qed jitlob li jigi dikjarat li l-istess tfal fuq indikati mhumiex il-wild naturali tieghu bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikati tat-twelid taghhom. Illi pero' mbaghad fil-mori tal-kawza fis-seduta tat-28 ta' Jannar 1997 Dr. Brincat ghall-attur irrinunzja ghat-talba tieghu fic-citazzjoni in kwantu tirreferi ghall-ulied Liza Marie u Mark Anthony. Dan jinsab ikkonfermat fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu datata 25 ta' Gunju 2002 a fol. 94 tal-process.

Illi din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' denegata paternita' abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap.16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**sub-artikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustae demonstrat",* u twassal mhux biss biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap.16.**

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenuta proprju ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza, izda din l-eccezzjoni hija manifestament bla ebda bazi legali *stante* li **l-artikolu 75 (2) tal-Kap 16** jipprovdi l-azzjoni sabiex tigi michuda l-paternita' ghandha titmexxa:-

*"(2) F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza."*

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi michuda.

Illi infatti t-tieni eccezzjoni mqajma mill-konvenuta hija proprju li l-azzjoni tinsab perenta *ai termini* tal-**artikolu 73 tal-Kodici Civili.**

Illi l-**artikolu 73 tal-Kap.16** jipprovdi li :-

*"Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni :*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha trid tirreferi ghall-provi migjuba.

Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni giet prezentata fit-3 ta' Ottubru 1995. Il-minuri in kwstjoni Jonathan u Sarah Jane twieldu fl-1985 u fl-1990 rispettivament kif jirrizulta mic-certifikati kollha relattivi pprezentati.

Illi **l-attur** fl-affidavit tieghu rrakkonta kif sar jaf lill-konvenuta u kif skond hu gie rrikattat biex jizzewwigha fl-1970. Meta fil-bidu taz-zwieg telghu jghixu Londra baqghu jghixu hajja separata u dan sakemm gew lura Malta fid-29 ta' Awissu 1975. Dak iz-zmien kien diga' kellhom lit-tifel il-kbir Michael. Huwa allega diversi relazzjonijiet li martu kellha ma' rgiel ohra u anke qal li ddubita li Michael kien tieghu u staqsiha. Anke rigward it-tewmin li twieldu f'Gunju 1980 u li dwarhom irtira t-talba jibqa' jsostni li dawn mhux tieghu. L-attur xehed li ommu qaltlu li ftit qabel ma twieldu martu kellha relazzjoni ma' ragel iehor u din ir-relazzjoni

damet sejra anke wara. Ommu qaltlu wkoll li Ruth qaltilha li l-ebda wiehed mit-tfal ma huwa tieghu, imma li kellu jibqa' jhallas xorta wahda.

Illi huwa sostna li ommu kienet taf li meta Ruth kienet tqila b'Jonathan hija kellha relazzjoni ma' ragel iehor pero' ommu ma tistax tghidlu min hu ghax tibza' li jekk titkellem joqtluha. Huwa qal li kienu jghixu hajja separata ghalkemm taht l-istess saqaf. Hija kienet tohrog waheda u hu ma kienx ikun jaf fejn marret. Gieli anke ghamlet iljieli barra u kien hemm okkazjonijiet meta kienet tirritorna d-dar fis-sakra u mimlija marki. Huwa qal li qed jirrejalizza issa ghalfejn kienet tfittxu sesswalment. Hu jsostni li ma jistax ikun li fil-ftit drabi li kellhom x'jaqsmu hija harget tqila ghax dejjem ha l-prekawzjonijiet ghax qatt ma kienu jaghmlu ghat-tfal. Kull darba li kienet tkun tqila kien infatti jistaqsiha.

Illi huwa xehed li meta Ruth harget tqila b'Sara Jane huwa kien telaq mid-dar f'Mejju 1988 u Sara Jane twieldet f'Dicembru 1989. Ghall-habta ta' Dicembru 1988, Ruth u l-familja kollha kienu marru jghixu ghand huh Ninu. Huwa qal li l-familja kollha taf li Sara Jane hija t-tifla ta' huh Anthony. Habiba ta' Ruth, certa Mary, qaltlu li Ruth kienet ilha bosta snin ma' huh u li kellha diversi rgiel meta hu kien imur ghax-xoghol. Illi pero' din ma xtaqitx li isimha jidher. Huwa rrefera wkoll ghal informazzjoni ohra li ghaddietlu din Mary.

Illi huwa esebixxa diversi dokumenti sabiex jipprova li martu kienet tirrisjedi ma' huh sa minn mindu twieldet Sara Jane fit-23 ta' Dicembru 1989. Huwa jhoss li ghandu dritt li jaghmel it-test tad-DNA biex jara liema mit-tfal huma tieghu. Huwa qal ukoll li meta twieldet l-ahhar tarbija kien staqsa lill-Pulizija li ma riedx li t-tarbija tigi registrata fuqu pero' qalulu li bilfors hekk kellu jigri minhabba li kien ghadu r-ragel taghha. Illi huwa kien ghamel zmien imur jara lit-tfal il-Fgura u kien ighaddilha l-manteniment izda mbaghad minhabba l-argumenti u kwistjonijiet li kienu jinqalghu ma baqax imur. Illi fl-ahharnett huwa spicca billi qal:-

*“Ghandi nghid illi jiena sirt naf illi t-tfal ma kienux tieghi xi ftit zmien qabel ma jiena bdejt il-kawza. Dan sirt nafu kif ghidt aktar ‘il fuq meta qaluli ommi u ohti u wara dan jien bdejt naghmel l-investigazzjonijiet tieghi biex nara jekk dan kienx minnu.”*

Illi **Maria Sultana,** omm l-attur, xehdet li taf li binha u Ruth kellhom problemi bejniethom. Hija taf li mhumiex flimkien pero’ ma tiftakarx kemm kienu ilhom ma jghixu flimkien. Hija ma tafx ghalfejn beda l-inkwiet bejniethom. Hija cahdet li qatt ghamlet xi dikjarazzjoni ghand Nutar. In kontro-ezami qalet li gieli haduha l-Kurja biex tirrispondi xi domandi pero’ ma tiftakarx kemm-il darba marret. Hija qalet ukoll li hi kienet ghamlet xi operazzjonijiet u l-Professur qalilha li kienet qed titlef il-memorja minhabba l-*opium* li taha.

Illi l-**attur** min-naha tieghu baqa’ jinsisti u jikkonferma li hu kien ha lil ommu ghand in-Nutar Hayman li qaltlu li riedet u huwa ttajpja. Minhabba li ommu taghmel salib dahlu x-xhieda li hu ma kienx jafhom.

Illi fir-rigward tax-xhieda ta’ **Maria Concetta Green** din mhiex relevanti *ai fini* ta’ l-eccezzjoni mqajjma u dwar it-talba tad-difensur tal-konvenuta kontenuta fil-verbal tas-6 ta’ Lulju 2001 ghal-isfilz tal-istess affidavit tax-xhud imsemmi, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li l-affidavit indikat ma jidhirx mill-atti ta’ din il-kawza li l-istess jifforma parti minn din il-kawza, u fil-fatt l-imsemmi affidavit huwa esebiet fic-citazzjoni numru 49/94.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenuta abbazi tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** jinghad li minn dan kollu jirrizulta li l-attur kien jinsab hawn Malta meta twieldu l-istess tfal mertu tal-kawza odjerna u allura s-**sub-artikolu (b) tal-artikolu 73 tal-Kap.16** mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Lanqas ma jista’ jinghad li t-twelid kien gie mohbi lilu jew minnu u allura t-terminu ndikat fl-istess artikolu kellu jibda jigi kkalkulat fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid tal-istess trabi, skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 73 (a) tal-Kap 16.**

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda stess moghtija mill-attur li huwa dejjem kien konxju tat-twelid tal-istess tfal u fil-fatt huwa qatt ma allega li ma kienx jaf bit-twelid imma allega biss li ommu u ohtu qalulu li saru jafu minghand Ruth li t-tfal mhumiex tieghu – allegazzjoni pero' li ma gietx sostanzjata u li xorta wahda ma tinkwadrax ruhha taht id-dispozizzjonijiet tas-**sub-artikolu (c) tal-artikolu 73 tal-Kap. 16.**

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li huwa s-**sub-artikolu (a) tal-artikolu 73** li huwa applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex gie definittivament ippruvat li l-attur kien Malta fiz-zmien li t-tfal in kwistjoni twieldu. Illi ghalhekk isegwi li t-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur ghadda fiz-zewg kazi ghax filwaqt, li kif diga' nghad, li l-kawza giet prezentata fl-1995 il-minuri in kwistjoni li dwarhom l-attur baqa' jsostni t-talba tieghu twieldu rispettivament fis-sena 1985 u fis-sena 1990.

Illi apparti dan jirrizulta mix-xhieda tieghu li ghalkemm l-attur qal li kellu dubju huwa stess meta twieled Jonathan u meta twieldet Sara Jane dwar il-paternita' taghhom, u jsostni li kienu ilhom ma jghixu flimkien huwa xorta baqa' ma ttenta l-ebda procedura hlief ovvjament wara hafna zmien bil-kawza odjerna.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur irrefera ghall-kawza fl-ismijiet **"Maurice Mizzi vs Avukat Generali et"** (Qorti Kost. - 15 ta' Jannar 2002) u qiesu ried x'jaghti x'tifhem li l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li hemm xi vjolazzjoni bl-impozizzjoni ta' dan it-terminu sabiex wiehed iressaq il-kawza ghal denegata' paternita'. Illi pero' jinghad hawnhekk li l-ewwel Qorti nnifisha tenniet hekk :-

*"Il-Qorti ma hix qeghda tghid li l-artikolu 70 u 73 tal-Kodici Civili ma humiex kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; qeghda tghid biss illi, fic-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent, li l-ligi qatt ma hallietu juri b'mezzi xjentifici u genetici li bint martu ma hijiex bintu,*

*hemm ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tieghu."*

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali wara li ezaminat ukoll kazistika tal-Qorti Ewropea waslet ukoll ghall-konkluzjoni differenti anke dwar il-mertu nnifsu u ma sabet l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali.

Illi dan kollu jfisser li l-**artikolu 73 tal-Kap 16** ghadu sa llum vigenti, u allura applikkabbl u ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi milquha.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-talba attrici ghanda tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li **tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, pero' tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta** fejn eccepiet li l-azzjoni attrici tinsab perenta *ai termini* tal-**artikolu 73 tal-Kodici Civili** u ghalhekk **tichad it-talba attrici** *stante* li l-istess azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** hija perenta proprju skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur, hlief ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li ghandha tibqa' a karigu taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------